

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2016 – European Dynamics Luxembourg u Evropaiki Dynamiki vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-764/14) ⁽¹⁾

[“**Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta’ sejħa għal offerti — Assistenza teknika, tal-iżvilupp u l-implementazzjoni ta’ sistema ta’ tranżitu doganali tal-ANASE (ACTS) — Ċaħda tal-offerta ta’ offerent — Għoti tal-kuntratt lil offerent ieħor — Kriterji ta’ għażla — Kriterji ta’ għoti — Obbligu ta’ motivazzjoni — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Ugwaljanza fit-trattament — Trasparenza**”]

(2017/C 030/46)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: European Dynamics Luxembourg SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu) Evropaiki Dynamiki – Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: inizjalment minn M. Sfyri u I. Ampazis, avukati, sussegwentement minn M. Sfyri)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn S. Bartelt u A. Marcoulli, sussegwentement minn S. Bartelt u M. Konstantinidis, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Settembru 2014 li tiċċad l-offerta sottomessa mir-rikorrenti fil-kuntest ta' sejħa għal offerti limitata EuropeAid/135040/C/SER/MULTI, li tirrigwarda l-iżvilupp ta' sistema pilota awtomattizzata ta' ġestjoni tat-tranżitu doganali tal-ANASE (ASEAN Customs Transit System) u li taġhti dan il-kuntratt lil offerent ieħor.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċċud.
- 2) European Dynamics Luxembourg SA u Evropaiki Dynamiki – Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE huma kkundannati għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 26, 26.1.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2016 – Printeos et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-95/15) ⁽¹⁾

[“**Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Ewropew tal-envelops standard fuq katalogu u envelops speċjali stampati — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE — Koordinazzjoni tal-prezzijiet ta’ bejgħ u tqassim tal-klijentela — Proċedura għar-riżolviment — Multi — Ammont bażiku — Aġġustament eċċezzjonali — Limitu massimu ta’ 10 % tad-dħul mill-bejgħ totali — Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 — Obbligu ta’ motivazzjoni — Ugwaljanza fit-trattament**”]

(2017/C 030/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Printeos, SA (Alcalá de Henares, Spanja), Tompla Sobre Exprés, SL (Alcalá de Henares), Tompla Scandinavia AB (Stokkolma, l-Isvezja), Tompla France SARL (Fleury Mérogis, Franza), Tompla Druckerzeugnisse Vertriebs GmbH (Leonberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Brokelmann u P. Martínez-Lage Sobredo, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castilla Contreras, F. Jimeno Fernández u C. Urraca Caviedes, aġenti)